# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*20 ta' Lulju, 2009*

83/2009

## L-40 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

## tal-E.T. Mons Arċisqof Pawlu Cremona O.P.

## u l-E.T. Mons Isqof George Frendo O.P.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju, il-Parroċċa tal-Madonna Fatima ta' G'Mangia laqgħet bil-ferħ liż-żewġ isqfijiet li bħala patrijiet dumnikani kienu kapillani ta' din il-parroċċa. L-okkażjoni kienet quddiesa ta' ringrazzjament fl-40 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

Mons Arċisqof fakkar li s-sejħa tagħhom bħala ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej bdiet f'dan il-kunvent meta bdew in-novizjat fi ħdan l-Ordni tal-Predikaturi. Huwa rringrazzja l'Alla li għoġbu jinqeda bihom biex jaqduh bħala rgħajja tal-poplu tiegħu fid-diversi ħidmiet li wettqu tul dawn l-erbgħin sena ta' saċerdozju.  Wera wkoll sens ta' gratitudni lejn il-ġenituri u l-familjari tiegħu u dawk ta' sieħbu l-Isqof Patri George, u lejn dawk kollha li taw sehemhom fil-formazzjoni tagħhom fi ħdan l-Ordni Dumnikan. Ħeġġeg lil dawk preżenti biex jibqgħu jitolbu għalihom ħalli l-Mulej jagħtihom is-saħħa u l-grazzji meħtieġa biex jibqgħu jaħdmu għalih sal-aħħar.

Fl-omelija, Mons Frendo qal li l-Liturġija tal-Ħadd (is-16 tas-Sena B) kienet providenzjali għax titħaddet dwar ir-ragħaj u d-dmirijiet tiegħu.  Huwa qal li jilqa' bl-umilta' t-twissija tal-Profeta Ġeremija biex bħala saċerdot ikun fidil għas-sejħa tiegħu ħalli jiġbor u jħares in-nagħaġ ta' Kristu.  Qal li hu jibqa' japprezza u jgħożż il-kariżma tal-Ordni tal-Predikaturi li pprofessa, li trabba fiha u li rawmitu jżomm djalogu ħaj ma' Alla u mal-Bniedem.  Mons Frendo fisser kif San Duminku jgħallem lis-saċerdoti li d-djalogu sinċier ma' Alla permezz tal-kontemplazzjoni jressaqhom lejn il-bniedem mifdi minn Kristu, filwaqt li l-kuntatt mal-bniedem, ħolqien t'Alla, jressaqhom dejjem iżjed lejn il-Krejatur.

Hu kompla jghid li l-bniedem fil-bżonn, jgħin lis-saċerdot jħoss kemm hi kbira l-imħabba t'Alla u l-qawwa tas-salib ta' Kristu.

Il-Provinċjal tad-Dumnikani, P.Pawl Gatt O.P., u l-Kappillan tal-Parroċċa, P. Michael Camilleri O.P. wrew l-apprezzament tagħhom għall-fatt li Alla l-imbierek għoġbu jżejjen l-Ordni u l-Provinċja b'dan iż-żewġ ulied fidili ta' San Duminku.  Huwa talab sabiex Marija Santissima, patruna tal-Ordni tal-Predikaturi, tħarishom u tinterċedi għalihom quddiem binha Ġesu'.